



Kunsill Ewropew

Brussell, 15 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

EUCO 20/23

CO EUR 16  
CONCL 6

#### NOTA

---

|          |                                                                             |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                            |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                            |
| Suġġett: | Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (14 u 15 ta' Diċembru 2023)<br>– Konklużjonijiet |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

## **I. UKRAJNA**

1. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa.
2. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u jikkonferma l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea li tkompli tipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn.
3. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jindirizzaw il-ħtiġijiet militari u ta' difiża urġenti tal-Ukrajna. B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew jinsisti fuq l-importanza ta' appoġġ militari f'waqtu, prevedibbli u sostenibbli għall-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE, kif ukoll permezz ta' assistenza bilaterali diretta minn Stati Membri. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jitħaffef it-twassil ta' missili u munizzjon, b'mod partikolari taħt l-inizjattiva ta' miljun balla ta' munizzjon tal-artillerija, u li l-Ukrajna tingħata aktar sistemi ta' difiża tal-ajru.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jintensifika l-ħidma fuq ir-riforma tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u ż-żieda ulterjuri tal-finanzjament tagħha, filwaqt li jibni fuq il-proposta tar-Rappreżentant Għoli.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati li jikkontribwixxu, fit-tul u flimkien mas-sħab, għall-impenji għall-Ukrajna fil-qasam tas-sigurtà, li ser jgħinu lill-Ukrajna tiddefendi ruħha, tirreżisti l-isforzi ta' destabbilizzazzjoni u tiskoraġġixxi atti ta' aggressjoni fil-futur. Wara r-rapport mir-Rappreżentant Għoli, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-impenji futuri tal-UE għall-Ukrajna fil-qasam tas-sigurtà. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri jmxu 'l quddiem il-ħidma fil-Kunsill. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni.

L-appoġġ militari u l-impenji ta' sigurtà ser jiġu pprovduti b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri, u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

4. Ikkonfrontata mill-attakki Russi li għadhom għaddejjin kontra l-infrastruttura ċivili u kritika tal-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-għoti ta' aktar assistenza umanitarja u fil-qasam tal-protezzjoni ċivili lill-Ukrajna, kif ukoll ta' assistenza biex tkun żgurata r-reżiljenza tas-settur tal-enerġija tagħha tul ix-xitwa. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, ir-riparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, inkluż il-proċess ta' tneħħija tal-mini u r-riabilitazzjoni psikosoċjali.
5. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu bl-isforzi ta' kuntatti intensivi globali tagħhom u bil-kooperazzjoni mal-Ukrajna u ma' sħab mir-reġjuni kollha tad-dinja biex jiġi żgurat l-appoġġ internazzjonali l-aktar wiesa' possibbli għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema u għall-prinċipji u l-oġġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi Ukrena, bil-ħsieb ta' Summit Globali futur dwar il-Paċi.
6. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għal progress deċiżiv, f'koordinazzjoni mas-sħab, dwar kif dħul straordinarju miżmum minn entitajiet privati li jirriżulta direttament mill-assi immobilizzati tar-Russja jista' jiġi dirett biex jappoġġa lill-Ukrajna u l-irkupru u r-rikostruzzjoni tagħha, b'mod konsistenti mal-obbligi kuntrattwali applikabbli, u f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali. F'dan il-kuntest, jieħu nota tal-proposti reċenti dwar id-dħul straordinarju li jirriżulta mill-assi immobilizzati Russi.

7. Ir-Russja u t-tmexxija tagħha jridu jinżammu kompletament responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni li qed twettaq kontra l-Ukrajna u għal delitti oħra mill-aktar serji skont id-dritt internazzjonali, kif ukoll għall-ħsara massiva li kkawżat il-gwerra tagħha. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ aktar sforzi, anke fil-Grupp Prinċipali, biex jiġi stabbilit tribunali għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna li jgawdi l-akbar appoġġ u leġittimità transreġjonali, u mekkaniżmu futur ta' kumpens; huwa jtenni l-appoġġ tiegħu għar-Reġistru tad-Danni Kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa Kontra l-Ukrajna tal-Kunsill tal-Ewropa, bħala l-ewwel pass tanġibbli f'din id-direzzjoni. Huwa jappella wkoll lill-istati kollha biex jiffirmaw u jirratifikaw malajr il-Konvenzjoni ta' Ljubljana-The Hague dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fl-Investigazzjoni u l-Prosekuzzjoni tad-Delitt tal-Ġenoċidju, id-Delitti kontra l-Umanità, id-Delitti tal-Gwerra u Delitti Internazzjonali oħra. Il-Kunsill Ewropew itenni wkoll l-appoġġ tiegħu għall-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u jikkundanna t-tentattivi tar-Russja li għadhom għaddejjin biex iddghajjed il-mandat u l-funzjonament internazzjonali tal-Qorti.
8. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell urġenti tiegħu lir-Russja u lill-Belarussja biex jiżguraw minnufih ir-ritorn sikur lejn l-Ukrajna tat-tfal u l-persuni ċivili Ukreni l-oħra kollha, deportati u trasferiti illegalment.
9. L-Unjoni Ewropea tinsab determinata li tkompli ddghajjed il-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra ta' aggressjoni tagħha, inkluż billi tkompli ssaħħa is-sanzjonijiet tagħha, u permezz tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom u l-prevenzjoni taċ-ċirkonvenzjoni tagħhom, speċjalment għal oġġetti b'riskju għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab u l-alleati. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tat-12-il pakkett ta' sanzjonijiet. Huwa jilqa' wkoll il-ftehim li ntlaħaq dwar id-Direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pjeni għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-appoġġ militari li qed jibqa' jingħata mill-Iran, il-Belarussja u r-RDPK għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Huwa jħeġġeġ ukoll lill-pajjiżi kollha biex ma jipprovdwx materjal jew appoġġ ieħor għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. L-Unjoni Ewropea ser tkompli l-ħidma intensiva tagħha mas-sħab biex tiġġielel in-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni tar-Russja dwar il-gwerra.

10. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza tas-sigurtà u l-istabbiltà fil-Baħar l-Iswed. Huwa vitali li l-esportazzjonijiet taċ-ċereali tal-Ukrajna jkunu sostenibbli u jilhqqu s-swieq dinjija. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-isforzi kollha biex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet taċ-ċereali u prodotti agrikoli oħra tal-Ukrajna lejn il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll l-importanza li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal kollu tal-Korsiji ta' Solidarjetà tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-ħidma mal-Istati Membri sabiex tipproponi miżuri ġodda bil-ħsieb li tkompli tiżviluppa l-kapaċità tal-Korsiji ta' Solidarjetà fuq ir-rotot kollha.
11. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lir-Repubblika tal-Moldova u lill-Georgia fl-indirizzar tal-isfidi li qed jiffaċċaw b'konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

## **II. LVANT NOFSANI**

12. Il-Kunsill Ewropew kellu dibattitu strateġiku approfondit dwar il-Lvant Nofsani.

## **III. TKABBIR U RIFORMI**

13. Filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Granada, il-Kunsill Ewropew jissottolinja li t-tkabbir huwa investment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità. Huwa mutur għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali taċ-ċittadini Ewropej, għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-pajjiżi, u jrid irawwem il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni. B'ħarsa 'l quddiem lejn il-prospett ta' Unjoni akbar, jeħtieġ li kemm l-Istati Membri futuri kif ukoll l-UE jkunu lesti fi żmien l-adeżjoni. Il-ħidma fuq iż-żewġ binarji għandha tavvanza b'mod parallel. Jeħtieġ li l-membri aspiranti jżidu l-isforzi ta' riforma tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, skont in-natura meritokratika tal-proċess ta' adeżjoni u bl-assistenza tal-UE. B'mod parallel, jeħtieġ li l-Unjoni tħejji l-bażi u r-riformi interni meħtieġa, billi tistabbilixxi l-ambizzjonijiet fit-tul tal-Unjoni u l-modi biex dawn jinkisbu, u tindirizza l-kwistjonijiet ewlenin relatati mal-prijoritajiet u l-politiki tagħha kif ukoll il-kapaċità tagħha li taġixxi. Dan ser jagħmel lill-UE aktar b'saħħitha u ser iżid is-sovranià Ewropea.

14. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tkabbir tat-12 ta' Diċembru 2023. Filwaqt li jibni fuq il-pakkett tat-tkabbir tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023, il-Kunsill Ewropew jieħu dawn id-deċiżjonijiet:

*L-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova*

15. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jiftaħ negozjati mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova dwar l-adeżjoni.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jadotta l-oqfsa ta' negozjar rispettivi ladarba jkunu ttejhd l-passi rilevanti stipulati fir-rakkomandazzjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023.

*Il-Georgia*

16. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi wkoll li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Georgia, bil-fehim li jittieħdu l-passi rilevanti stipulati fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023.

*Il-Bożnija-Herzegovina*

17. Il-Kunsill Ewropew ser jiftaħ negozjati mal-Bożnija-Herzegovina għall-adeżjoni, ladarba jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji għas-šhubija.

Huwa jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar il-progress mhux aktar tard minn Marzu 2024, bil-šsieb li tittieħed deċiżjoni.

*Il-Maċedonja ta' Fuq*

18. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tagħlaq il-fażi tal-ftuħ tan-negozjati mal-Maċedonja ta' Fuq dwar l-adeżjoni, hekk kif tkun implimentat l-impenn tagħha li tlesti l-bidliet kostituzzjonali kif jissemma fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Maċedonja ta' Fuq biex taċċellera t-tlestija ta' dawn il-bidliet.

*Il-Balkani tal-Punent*

19. Filwaqt li jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ u inekwivokabbli tiegħu għall-perspettiva ta' sħubija mal-UE tal-Balkani tal-Punent, il-Kunsill Ewropew jappella għall-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' adeżjoni tagħhom.
20. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar pjan ġdid ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent, li għandha l-għan li taċċellera l-konverġenza soċjoekonomika bejn il-Balkani tal-Punent u l-Unjoni Ewropea, ibbażata fuq kundizzjonalitajiet stretti, u thegġegħ lir-reġjun iżid il-pass tar-riformi relatati mal-UE u javvanza l-integrazzjoni ekonomika reġjonali permezz tas-Suq Reġjonali Komuni, abbażi tar-regoli u l-istandards tal-UE.
21. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat li javvanza l-integrazzjoni gradwali bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjun matul il-proċess ta' tkabbir innifsu b'mod riversibbli u meritokratiku.

*Riformi*

22. Hekk kif l-Unjoni tikber, is-suċċess tal-integrazzjoni Ewropea jirrikjedi li l-politiki tal-Unjoni jkunu adatti għall-futur u ffinanzjati b'mod sostenibbli, abbażi tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, u li l-istituzzjonijiet tal-UE jkomplu jiffunzjonaw b'mod effettiv.
23. Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza r-riformi interni fil-laqgħat tiegħu li jmiss bil-ħsieb li sassaġf tal-2024 jadotta konklużjonijiet dwar pjan direzzjonali għall-ħidma futura.

**IV. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027**

24. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 kif tinsab fid-dokument EUCO 23/23, li kien appoġġat bis-sħiħ minn 26 Kap ta' Stat jew ta' Gvern. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni kmieni s-sena d-dieħla.

## **V. SIGURTÀ U DIFIŻA**

25. Fil-kuntest ta' instabbiltà globali, kompetizzjoni strateġika u theddid għas-sigurtà, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża Ewropea biex tinkiseb Unjoni ġeopolitika ambizzjuża. Jeħtieġ li l-Unjoni tiegħu aktar responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża proprja tagħha, issegwi linja ta' azzjoni strateġika u żżid il-kapaċità tagħha li taġixxi b'awtonomija.
26. Wara li evalwa l-ħidma mwettqa biex jiġu implimentati l-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, id-Dikjarazzjoni ta' Versailles u l-Boxxla Strateġika, il-Kunsill Ewropew jissottolinja li jeħtieġ li jsir aktar biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni li jżied il-livell ta' tħejjija fir-rigward tad-difiża u li tiżdied in-nefqa fid-difiża b'mod kollaborattiv, inkluż it-tisħiħ tal-investiment fil-qasam tad-difiża u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u biex jinkiseb suq effettiv u integrat għad-difiża. B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew:
- a) jappella biex il-miżuri eżistenti jiġu implimentati b'urġenza biex jiġi ffaċilitat u kkoordinat l-akkwist konġunt u biex tiżdied il-kapaċità ta' produzzjoni u l-interoperabbiltà tal-industrija tad-difiża Ewropea sabiex jiġu rikostitwiti l-istokkijiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari fid-dawl tal-appoġġ li ser jingħata lill-Ukrajna;
  - b) jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, biex jippreżentaw malajr Strateġija Industrijali tad-Difiża Ewropea (EDIS), li tinkludi proposta għal Programm Ewropew għall-Investiment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP), fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea, inkluż l-SMEs, u li din issir aktar innovattiva, kompetittiva u reżiljenti;

- c) jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat aktar suq integrat fil-qasam tad-difiża biex jissaħħu l-ktajjen tal-provvista transfrontiera, jiġu żgurati t-teknoloġiji kritiċi u tittejjeb il-kompetittività tal-industrija tad-difiża Ewropea. Għal dak l-għan, il-qafas regolatorju tal-UE għas-settur industrijali tad-difiża għandu jiġi adattat biex itejjeb l-interoperabbiltà, l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċessi ta' ċertifikazzjoni u biex jippermetti azzjoni aktar rapida u aktar flessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist pubbliku;
- d) bil-ħsieb tar-Rapport ta' Progress Annwali li jmiss tal-Boxxla Strateġika, u skont l-impenji meħuda mill-Istati Membri parteċipanti fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), jappella biex tiġi intensifikata l-ħidma biex jiżdiedu t-tnejn fil-qasam tad-difiża, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni, inkluż permezz tal-investiment fid-difiża, il-mobbiltà militari, l-eżerċizzji reali regolari, it-tisħiħ tas-sigurtà fl-ispazju, il-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu, l-indirizzar tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI) abbażi tas-sett ta' għodod stabbilit reċentement li jinkludi l-possibbiltà li jiġu esplorati miżuri restrittivi ġodda, u t-tisħiħ tal-iżvilupp kollaborattiv tal-kapaċitajiet meħtieġa biex titwettaq il-firxa sħiħa ta' missjonijiet u operazzjonijiet, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE;
- e) jappella għal rwol imsaħħaħ tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'appoġġ għas-sigurtà u d-difiża Ewropea, li jibni fuq l-Inizjattiva Strateġika tal-bank għas-Sigurtà Ewropea;
- f) jappella għat-tkomplija tal-ħidma biex jissaħħaħ il-Patt il-ġdid dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK, fil-kuntest tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK tal-11 ta' Diċembru 2023.

27. Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u transatlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. Dan huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

## **VI. MIGRAZZJONI U AFFARIJIET OĦRA**

### ***Migrazzjoni***

28. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar il-migrazzjoni u ħa nota tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni Ewropea.
29. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ssegwi approċċ komprensiv għall-migrazzjoni li jgħaqqad flimkien żieda fl-azzjoni esterna, sħubijiet komprensivi ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu, filwaqt li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, l-opportunitajiet għall-migrazzjoni legali, protezzjoni aktar effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE, il-ġlieda determinata kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni bħala theddid ibridu, u ż-żieda fir-ritorni.

### ***Attakki ibridi***

30. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki ibridi kollha, inkluż l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi, u jibqa' determinat li jiżgura kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE. L-Unjoni Ewropea tinsab determinata li tiġġieled l-attakki ibridi li għaddejjin fil-fruntieri esterni tagħha mnedija mill-Federazzjoni Russa u mill-Belarussja.

## **COP28**

31. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni b'suċċess tal-Konferenza tan-NU dwar il-Klima tal-COP28 u l-ewwel Rendikont Globali tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-ftehim biex jiġihaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet lejn zero netti sal-2050 u l-ftehim dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet globali bi 43 % sal-2030 u b'60 % sal-2035 meta mqabbel mal-livell tal-2019, skont l-aqwa xjenza disponibbli, biex l-oġettiv ta' 1.5 °C ikun jista' jintlaħaq. Huwa jilqa' wkoll il-ftehim mill-partijiet kollha li jagħmlu tranżizzjoni għal sistemi tal-enerġija mingħajr fjuwils fossili.

## **VII. RELAZZJONIJIET BEJN L-UE U T-TURKIJA**

32. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-rapport konġunt tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija, u ser jerġa' lura għall-kwistjoni f'laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ewropew.

## **VIII. ĠLIEDA KONTRA L-ANTISEMITIŻMU, IR-RAZZIŻMU U L-KSENOFOBIA**

33. Imħasseb serjament dwar l-inċidenti allarmanti reċenti, il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu, bl-aktar mod qawwi possibbli, tal-forom kollha ta' antisemitiżmu u mibegħda, intolleranza, razziżmu u ksenofobija, inkluż il-mibegħda anti-Musulmana. Huwa jfakkar f'dan il-kuntest fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu u l-Istrateġija Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, li l-implimentazzjoni rapida tagħha hija essenzjali għas-sigurtà tal-komunitajiet Lhud.

**IX. AĠENDA STRATEĠIKA**

34. Wara l-laqqgħa informali fi Granada u l-konsultazzjonijiet sussegwenti, u b'kont meħud tal-oġettivi fit-tul li l-Unjoni ssir aktar b'saħħitha u lesta li tilqa' membri ġodda, il-Kunsill Ewropew ser ikompli l-ħidma tiegħu fuq l-Aġenda Strateġika l-ġdida, billi jiddefinixxi l-prijoritajiet tal-Unjoni u l-modi biex dawn jinkisbu fis-snin li ġejjin u jipprovdi gwida għall-Unjoni matul iċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss. Huwa ser jadotta l-Aġenda Strateġika li jmiss sas-sajf tal-2024.
-